# MIKELANĠ SAPIANO U L-KNISJA TA` STELLA MARIS





*Kitba ta` Dr. Charles Delicata*

Fil-knisja ta` Stella Maris insibu diversi opri ta` arti ta` kwalita' għolja. Din dejjem kienet ix-xewqa taddiversi prokuraturi u kappillani, li tul iż-żmien inħatru sabiex jieħdu ħsiebha. Insibu fost l-oħrajn pitturi ta` Ġiuseppe Cali, Giorgio Preca, Lazzaro Pisani, Filippo Venuti u Mario Caffaro Rore. Insibu wkoll xogħol mirqum ta` skultura fl-injam, bħalma huma s-sedji tal-kor u l-pulptu. Naturalment ma jonqsux ċerti statwi mill-isbaħ, fosthom l-istatwa Artika u Devota ta` Marija Kewkba tal-Baħar.



*Mikelanġ Sapiano*

Mhumiex ħafna dawk li jobsru li anke fuq in-naħa ta` barra tal-knisja hemm xi ħaġa li ta` min wieħed japprezzha. Qed nirreferi għall-arloġġ tal-magħruf Mikelanġ Sapiano.

Dan il-magħruf arluġġar u inventur twieled l-Imqabba nhar id-19 ta` Marzu tal-1826. Ta` eta zgħira ħafna nsibuħ isewwi l-arloġġ tal-knisja ta` l-Imqabba, minkejja li bosta ppruvaw isewwuħ qablu, u ma rnexxielhomx. Dan meta kien għad kellu biss erbgħatax-il sena! Din il-ħaġa għamlitlu ħafna kuraġġ. Huwa fetaħ il-bottega tiegħu u beda jibni l-arloġġi huwa stess. L-iktar li kien imsemmi Sapiano kien għal arloġġi kbar bħal dawk tal-knejjes u tal-kunventi. Arloġġ speċjali li ħareġ minn taħt idejħ, insibuħ f'dar privata, li kienet ir-residenza tiegħu ġewwa Ħal Luqa. Dan l-arloġġ għadu jeżisti, sa llum. Barra li jimmarka il-ħin, Il-ġurnata, u d-data, jimmarka wkoll il-fażijiet tal-qamar, l-ħin tat-tlugħ u nżul ix-xemx u saħansitra meta tkun sena biżestili. Għal din l-opra tassew prestiġjuża hu kien ingħata medalja tal-fidda fl-esibizzjoni Industrijali tal-1864.



*Il-makkinarju tal-arloġġ fil-knisja ta' Stella Maris*

Fost affarijiet oħra interessanti li vvinta, insibu arloġġ bil-mappa tad-dinja u li juri kull siegħa r-relazzjoni tad-dinja max-xemx , miżien ta` preċiżjoni kbira għad-dwana ta` Malta u diversi arloġġi bl-alarm. Is-Soċjeta` tal-Arti u Manifattura ppremjatu b'midalja tad-deheb. Il-fama tiegħu xterdet barra minn xtutna, tant li kien għamel arloġġ kbir għal knisja ta` Santa Katerina ta` Lixandra, ġewwa l-Eġittu.

Il-knisja ta' Stella Maris, oriġinarjament kellha faċċata differenti milli għandha llum. Madankollu fiha kien tpoġġa l-arloġġ ta` Sapiano fl-1875. Ta` dan ix-xogħol, hu kien tħallas 35 liri li kienu tħallsu mill-Gvern peress



*Waħda mill qniepen ta' l-arloġġ*

li kien ser iservi ta` serviżż għal-pubbliku. Meta fil-bidu tas-seklu l-ieħor, inbidlet il-faċċata tal-knisja b'żewġ kampnari, għal kif nafuha llum, l-arloġġ ta` Mikelanġ Sapiano sab ruħu jsebbaħ l-istess faċċata. Kien l-istess Sapiano li ġie msejjaħ sabiex jirranġa l-arloġġ u anke għamel xi tibdil fih. Dan l-arloġġ idoqq permezz ta` żewġ qniepen li qabel kienu fil-faċċata l-antika qabel ma nġiebu minn Varese is-set ta` qniepen ġodda. Il-qanpiena li ddoqq is-siegħat iġġib id-data 1796 u l-arma tal-kavallieri ta' San Ġwann, filwaqt li dik iżgħar fid-daqs iddoqq il-kwarti. Din kienet inħadmet mill-fundatur Ġulju Cauchi u kienet għotja tar-Rev. Dun Karm Casha Gerada l-ewwel Vigarju-Kurat tal-parroċċa. Skriżżjoni fuq din l-istess qanpiena, u li ġġib id-data ta` l-1875, hi xhieda ta` dan kollu.

Minkejja li għadda dan iż-żmien kollu minn meta twaħħal f'postu l-arloġġ ta` Mikelanġ Sapiano għadu mhux biss jaqdi sew il-funżjoni tiegħu, iżda għadu jaħdem tajjeb sal-lum.



*L-arloġġ fuq il-faċċata tal-knisja*

Mikelanġ Sapiano ħalla din id-dinja fl-eta` sabiħa ta` 86 sena nhar it-2 ta` Diċembru 1912, iżda żgur li x-xogħlijiet u l-invenzjonijiet tiegħu jibqgħu xhieda ħajja tal-kapaċita tiegħu.

## Tagħrif miġbur minn:


Arkivju tal-Parroċċa Arċipretali u Matriċi ta' Stella Maris

Tas-Sliema, il-Knisja u l-Parroċċa ta' Stella Maris, kitba tas-Sur Maurice Busietta

Wikipedia